

Ministeru għar-Riżorsi
u Affarijiet Rurali

Awtorità tat-Tmexxija
(Żvilupp Rurali)

Kumitat ta'
Tmexxija

Netwerk Rurali Malti

Kumitat ta'
Kordinament

Netwerk Ewropew
għall-Iżvilupp Rurali

Netwerk Rurali Malti,
Awtorità tat-Tmexxija,
Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Block A,
Triq Ħal-Luqa,
Qormi
QRM 9075

Indirizz elettroniku: rdd.mrra@gov.mt
Numru tat-telefon: 25904269



In-Netwerk Rurali Nazzjonali Malti



Dan il-brochure għe stampat mill-Assistenza Teknika
taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 - 2013.
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

Stampat f'Ġunju 2010



X'inhom dan in-Netwerk?

In-Netwerk Rurali Malti għe mwaqqaf sabiex jgħaqqad flimkien dawk l-organizzazzjonijiet, għaqdiet, setturi privati u pubbliċi involuti fil-qasam tal-iżvilupp rurali u għandu sehem importanti fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika rurali Maltija. Dan ifisser li mhux biss is-setturi tal-agrikoltura ser ikunu jistgħu jieħdu sehem f'dan in-Netwerk iżda setturi oħra bħal dawk tal-ambjent, awtoritajiet, għaqdiet mhux governattivi, kunsilli lokali u oħrajn ser ikollhom sehem importanti fix-xogħol tan-Netwerk. In-Netwerk ser ikun qed jorganizza attivitajiet u juża mezzi ta' komunikazzjoni varji sabiex iwassal informazzjoni siewja fuq il-politika rurali lis-setturi involuti kif ukoll ikun mezz li bih dawn is-setturi jaqsmu l-opinjoni u s-suġġerimenti fuq dak kollu li għandu x'jaqsmu ma' dak li hu rurali.



X' attivitajiet ser ikun qed jorganizza in-Netwerk rurali Malti?

Sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu u jgħaqqad is-setturi rurali flimkien, in-Netwerk ser ikun qed jorganizza diversi attivitajiet, fosthom:

- Jipprovdi informazzjoni fuq il-politika rurali permezz tal-webside u pubblikazzjonijiet stampati;
- Seminars u workshops u focus groups;
- Lagħqat imsejħa 'focus groups' li fihom ser ikunu diskussi suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp rurali Malti, fosthom l-ilma, il-kompetittività tas-settur agrikolu, l-agri-turiżmu, it-tibdil fil-klima u l-użu ta' enerġija alternattiva;
- Tinġabar informazzjoni permezz ta' 'surveys' u laqgħat mas-setturi;
- Taħriġ lill-Gruppi t'Azzjoni Lokali fit-tħaddim tal-istrateġija tagħhom;
- Jipprovdi għajnuna fl-evalwazzjoni tal-programm għall-iżvilupp rurali kurrenti kif ukoll jaħseb sabiex jgħin fit-tfassil tal-politika rurali għall-futur.

In-Netwerk Rurali Malti huwa mmexxi mill-Awtorità tat-Tmexxija tal-Programm għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013 fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Huwa importanti li dawk kollha li għandhom x'jaqsmu kemm mal-agrikoltura kif ukoll ma' aspetti oħra rurali jieħdu sehem fl-attivitajiet li ser ikun qed jorganizza in-Netwerk minn żmien għal żmien. Dan sabiex in-Netwerk ikollu rappreżentanza ta' kull settur rurali li għandhom x'jaqsmu mal-aspetti kollha taż-żoni rurali: it-tiżnieħ u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, il-ħarsien tal-ambjent u l-kampanja kif ukoll it-tmexxija ta' dawn iż-żoni.

